**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Justine Grech)**

**kontra**

**KEITH FARRUGIA**
**(I.D. No. 169292(M))**

**Kaz Nru.: 161/17**

**Illum, l-24 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Keith Farrugia, ta' 25 sena, iben George u Benedetta nee' Grixti imwieled il-Pieta' nhar il-25 ta' Marzu 1992, residenti gewwa 11, Triq Sant' Antnin, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 169292(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-gzejjer,

1. fit-22 ta' Lulju, 2017, u/jew fil-granet ta' qabel din id-data biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, u dan bi

ksur tal-Art. 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Nhar it-22 ta' Lulju 2017 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis*, kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Art. 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3. Fl-istess cirkostanzi msemmija fit-tieni imputazzjoni kellu fil-pussess ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-razi bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghal-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha minn dina l-Qorti diversament preseduta[3];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi: (1) **l-ispettur Justine Grech**[4] li pprezentat l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat flimkien mad-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-assistenza legali (Dok. JG2 u JG1 rispettivament)[5]. L-ispettur xehdet ukoll dwar l-investigazzjoni kondotta minnha in konnessjoni mal-kaz odjern; (2) **Ex-PC454 Spettur David Bugeja u PC538 Raymond Azzopardi** dwar it-tfittxija u l-arrest tal-qua imputat; (3) **Paulanne Bihi** li xehdet dwar l-akkadut dakinhar.

[1] Ara fol. 4 tal-atti processwali.
[2] Fol. 29 tal-atti processwali.
[3] Fol. 32 tal-atti processwali.
[4] Fol. 18 tal-atti processwali;
[5] Fol. 21 et seq. tal-atti processwali;

Illi fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020, wara li l-ufficjal prosekutur ezebiet is-sustanza a fol. 25 tal-atti processwali, d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tal-analizi tas-sustanza u ddikjarat li qed taqbel li l-imsemmija sustanza hija Cannabis grass.

Illi l-imputat ghazel li ma jressaq l-ebda prova hekk kif kellu kull dritt li jaghmel.

Fil-qosor, il-proceduri odjerni jirrelataw fatti li jirrisalu lura ghat-22 ta' Lulju 2017 ghall-habta tas-saghtejn u n-nofs ta' wara nofsinhar meta waqt li zewt ufficjali tar-RIU kienu fuq ronda fl-inhawi tal-Marsa huma lemhu vettura bi tlett persuni go fiha. L-imsemmija vettura giet mwaqqfa mill-pulizija fejn setgha immedjatament jigi nnotat li x-xufier tal-imsemmija vettura u cioe' l-qua imputat Keith Farrugia kien qed jagixxi b'mod suspettuz u beda jghid lill-persuni li kienu fil-vettura (Paulanne Blihi u Angelica Vassallo) "Ahbiha, Ahbiha". Ghaldaqstant il-pulizija ddecidew li jaghmlu tfittxija fl-imsemmija vettura fejn fil-glove compartment sabu qartas wiehed u crusher. It-tlett persuni gew arrestati u mehuda gewwa l-kwartieri generali tal-pulizija ghal izjed investigazzjonijiet. Blihi li xehdet wara li l-proceduri fil-konfront taghha gew fi tmiemhom, iddikjarat li l-qartas kien taghhom kollha ghaliex kienu qed ipejjpu minnu kollha. Tiddikjara li l-crusher kienet taghha. Hija tghid li kellhom Eur. 10 ghax kienu sejrin jixtru flimkien. Illi x-xhieda ta' Blili tikkonferma dak iddikjarat mill-imputat fl-istqarrija tieghu lill-pulizija. Fl-istess stqarrija li giet mehuda skond il-ligi vigenti fis-sena 2017 u cioe' wara li l-imputat gie offrut id-dritt li jkun legalment assistiet kemm qabel kif ukoll waqt l-istess stqarrija u huwa rrifjuta dak id-dritt ikkonferma li gurnata qabel l-arrest tieghu kien pejjep ir-raza tal-Cannabis filwaqt li qabel l-arrest kien pejjep il-Cannabis grass.

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigward it-traffikar tal-pjanta Cannabis. Mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta li l-qua imputat provda jew ittanta jipprovdi l-imsemmija sustanza lil terzi. Li jirrizulta kemm mill-istqarrija tal-qua imputat kif ukoll mix-xhieda ta' Paulanne Blili huwa li huma (Blili, Vassallo u l-qua imputat) kienu sejrin jixtru l-Cannabis flimkien minghand xi hadd iehor u mhux minghand il-qua imputat. Lanqas ma jirrizulta mill-provi prodotti ta' min kien il-qartas misjub mill-pulizija jew altrimenti min kien dak il-persuna li provdieh u qassmu mal-ohrajn. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni jirrizulta li l-qua imputat irregistra ammissjoni ghaliha immedjatament wara l-qari tal-imputazzjonijiet bil-gurament mill-ufficjal prosekutur[6]. Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dina l-ammissjoni kif ukoll

[6] Fol. 6 tal-atti processwali.

tal-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat jirrizulta sodisfacentament ippruvat li l-qua imputat kien f'pussess semplici tal-pjanta Cannabis. Mill-istqarrija jirrizulta ukoll sodisfacentament ippruvat li l-qua imputat kien ukoll fil-pussess semplici tar-raza tal-Cannabis. Illi bhala ammonti, ghal dak li jirrigwarda l-qartas kontenenti bicca mill-pjanta cannabis, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li mill-provi prodotti dan definittivament ma jaqbizx is-seba' grammi. Ghal dak li jirrigwarda l-ammont tar-raza tal-Cannabis dina l-Qorti hija kompletament sprovista minn prova f'dan ir-rigward madanakollu skond l-istqarrija issir biss referenza ghall-uzu li sar mill-imputat mill-imsemmija sustanza gurnata qabel l-arrest tieghu. Ghaldaqstant dina l-Qorti, anke b'applikazzjoni tal-principju li kull dubbju ghandu jmur a favur tal-imputat, ma jirrizutaliex li l-ammont ta' raza cannabis ikkonsmata mill-qua imputat kienet iktar minn seba' grammi (anke jekk dina tikkunsidra b'mod addizzjonali ghall-qartas misjub mill-pulizija).

Galadarba hekk kif inghad fil-paragrafu precedenti, l-pussess kemm tal-pjanta Cannabis kif ukoll tar-raza Cannabis kien wiehed li ma jmurx oltre l-ammont ta' seba' grammi (anke maghduda flimkien) u l-pussess taz-zewgt sustanzi kien tali li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali tieghu stess (hekk kif fl-ahhar mill-ahhar il-qua imputat gie akkuzat), it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat gew milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena* <u>*tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi*</u>*, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna,* <u>***ma għandux jikkostitwixxi reat***</u>*, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
>
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*

*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
*(e) jolqot kull sħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
*u kull sħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> > *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*
>
> *Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*
>
> *Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*
>
> > *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***<u>B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>.*" (emfazi ta' dina l-Qorti)

Fid-dawl ta' dan l-insenjament dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment estint fil-konfront tat-tieni u t-tielet imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, **qeghda tiddikjara lill-imputat Keith Farrugia mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentament qeghda tilliberah mill-istess filwaqt li fid-dawl tal-emendi introdotti permezz tal-artikolu 4A tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tastjenti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.**

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**
**Deputat Registratur.**